MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2011

Avviz Numru. 215/2011

**Kunsill Studenti Universitarji VO-0531**

**vs**

**4site Company Limited C-44968**

## Il-Qorti:-

Rat ir-rikors prezentat mill-Kunsill Studenti Universitarju fir-Registru ta' din il-Qorti nhar is-6 ta' Lulju 2011, permezz ta' liema l-Kunsill attur talab lill-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallsu s-somma ta' hamest elef u disgha mitt Ewro (€5,900) inkluza t-Taxxa fuq il-Valur Mizjud dovuti mis-socjeta' konvenuta lill-attrici skond ftehim tat-12 ta' Settembru 2009, liema hlas ghadu ma sarx minkejja divesi interpellazzjonijiet.

Rat illi s-socjeta' ntimata kienet debitament notifikata skond riferta posittiva tal-Purtier Marco Bonnici datata 24 ta' Settembru 2011 a fol. 8 tergo tal-process.

Rat illi fis-seduta tal-5 t'Ottubru 2011 is-socjeta' konvenuta giet imsejha izda ma dehritx, la biex tikkontesta t-talba attrici w u lanqas biex tirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Illi fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2011 il-Kunsill atturipprezenta kapitolu fil-konfront tas-socjeta' konvenuta.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tal-Kunsill rikorrenti jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-Kunsill is-somma ta' hamest elef u disgha mitt Ewro (€5,900) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors bl-imghaxijiet legali skond il-ligi.**

**Bl-ispejjes inkluz dawk ta' l-ittra legali tat-13 ta' Jannar 2010 a karigu tas-socjeta konvenuta'.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------